Fil-Prim'Awla tal-Qorti Civili

**Imhallef : Onor. Gino Camilleri LL.D.**

**Illum 6 ta' Settembru 2001**

**Mandat ta' Inibizzjoni numru 2423/01**

**Anna Spiteri**

**vs**

**Mobile Communications Limited**

Il-Qorti

Rat ir-rikors;

Rat id-digriet taghha precedenti;

Rat ir-risposta tas-socjeta' intimata;

Rat l-atti l-ohra kollha tar-rikors u d-dokumenti esibiti;

Semghet ix-xhieda prodotti mill-partijiet;

Semghet it-trattazzjoni orali tad-difensuri tal-partijiet;

Ir-rikorrenti qed titlob li s-socjeta intimata tigi mizmuma milli topera u thaddem antenna tal-mobile telephone installata fuq fond il-Mosta, liema antenna, skond ir-rikorrenti, qed twaddab ir-raggi taghha direttament fil-fond fejn toqod flimkien mal-familja taghha. Ir-rikorrenti tallega li tant hi vicina din l-antenna ghar-residenza taghha li hemm l-probabilita' ta' hsara ghall-gisem minhabba ir-radjazzjoni kontinwa;

Is-sottomissjonijiet preliminari tas-socjeta intimata ma jistghux jigi akkolti. F'dan ir-rigward jista jinghad li ma jirrizulta xejn irregolari li r-rikorrenti wahedha qed tghamel din l-azzjoni. Inoltre l-fatt li din il-vertenza giet riferita lill-Awtorita' Maltija tal-Komunikazzjoni ma teskludix li din il-Qorti tittratta u tiddeciedi dan ir-rikors;

Fil-meritu s-socjeta intimata qed tissottometti li l-antenna in kwestjoni hi innokwa u ma tghamilx hsara lis-sahha tal-bniedem;

Jirrizluta li ftit ta zmien ilu l-Gvern ta' Malta hatar kumitat interdipartimentali maghmul minn rapprezentanti ta' varji ministeri, inkluz dak tas-Sahha u tal-Politika Socjali, bil-ghan ukoll li tigi b'xi mod indirizzata din il-kwestjoni dwar is-sahha tal-bniedem in vista tar-radjazzjoni minn dawn l-antenni jew ahjar minn dawn il-"bay stations". Dan il-kumitat ghamel ir-rakkomandazzjonijiet tieghu u indika ukoll il-limiti entro liema livelli r-radjazzjoni hi accettabbli. Dawn ir-rakkomandazzjonijiet huma bbazati fuq l-esperjenzi ta pajjizi ohra u huma dawk li gew approvati minn agenziji internazzjonali rikonoxxuti. Dawn ir-rakkomandazzjonijiet gew in effett adottati mill-World Health Organization u mill-Unjoni Ewropea. Ir-rapport tal-imsemmi kumitat interdipartimentali tal-Gvern Malti hu ntitolat - "Report on Recommendations for Limiting Human Exporsure to Time-varying Electric, Magnetic and Electromagnetic fields in the Frequency Range 0 Hz to 300 GHz";

Jirrizulta li r-radjazzjoni mill-antenna in kwestjoni hi ferm entro l-limiti stabbiliti f'dan ir-rapport u dana anke meta, fil-kors ta dawn il-proceduri, ttiehdu l-livelli mir-residenza in kwestjoni tar-rikorrenti. In effett dawn il-livelli, kemm fuq il-bejt fejn tinsab l-antenna kif ukoll fir-residenza tar-rikorrenti ma jissuperawx il-1% jew it-2% tal-massimu li hu konsentit jew tollerat bir-rakkomandazzjonijiet fuq imsemmija;

Jirrizulta ukoll li hemm il-permessi kollha necessarji sabiex giet istallata l-antenna in kwestjoni. Inoltre saru ukoll it-testijiet kollha meta l-istess antenna giet istallata;

Ir-rizultati li taw l-imsemmija testijiet li saru fir-residenza tar-rikorrenti mhux qed jigu kontestati la mir-rikorrenti u lanqas minn zewgha, li xehed f'dawn il-proceduri. Ir-ragel tar-rikorrenti pero' sostna li r-radjazzjonijiet emanati mill-antenna in kwestjoni ghandhom effetti biologici, li huma nocivi ghal gisem uman. Ovvjament dawn l-effetti biologici ma jistghux jirrizultaw mill-istess testijiet li saru. In sostenn ta din il-pretensjoni, ir-ragel tar-rikorrenti accenna ghar-rapport mgharuf bhala "Stuart Report" u ukoll ghamel referenza ghal certi partijiet tal-imsemmi rapport tal-kummissjoni interdipartimentali tal-Gvern Malti. Ma jistax jinghad pero' li dawn iz-zewg rapporti huma konklussivi u kategorici dwar xi effetti negattivi tar-radjazzjonijiet fuq il-persuna umana;

Ir-ragel tar-rikorrenti rrefera ukoll ghall artikolu ta' certu Dr. Hyland, liema artikolu deher f'pubblikazzjoni internazzjonali f'Novembru tas-sena 2000. Dan l-artikolu jittratta dwar effetti tar-radjazzjoni li huma negativi u li jistghu jkunu nocivi ghan-nies. Hawnhekk si tratta, pero', ta' opinjoni, li ma hemmx dubju hi sosnuta b'opinjonijiet ohra simili. Minn naha l-ohra pero' lanqas ma hemm dubju li hemm opinjonijiet ohra li jsotnu l-kontra u li ma jaqblux ma din l-opinjoni ta' Dr. Hyland;

F'dawn ic-cirkostanzi kollha ma jistax jinghad li l-pretensjoni tar-rikorrenti tirrizulta pruvata. Ma jirrizultax, lanqas "prima facie", li hemm l-probabilita' ta' hsara ghall-gisem minhabba ir-radjazzjoni mill-antenna in kwestjoni. Li hu zgur hu li l-livelli ta' radjazzjoni huma ferm entro l-limiti rikonoxxuti u jista ukoll jinghad li dawn il-livelli huma minimi;

Ghal dawn il-motivi:

Tipprovdi billi tichad it-talbiet tar-rikorrenti;

Minhabba in-natura tal-vertanza l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.